**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Mejju, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 215/2018 AF**

**Gutenberg Press Ltd (C-8936)**

**vs**

**Write-On Limited (C-28614)**

**u**

**Marc Spiteri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Gutenberg Press Limited, li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

Bejn is-sena 2014 u 2017, il-kumpannija rikorrenti kienet toffri servizzi ta' stampar lill-kumpannija intimata.

Il-kumpannija rikorrenti kienet tohrog il-fatturi taghha lill-kumpannija intimata regolarment kif jista' jidher mill-prospett anness u mmarkat '**DOK A**'.

Nonostante dan, il-kumpannija intimata kienet thallas b'mod sporadiku tant illi sas-sitta u ghoxrin (26) ta' Dicembru 2016, il-kumpannija intimata kienet debitrici tal-kumpannija rikorrenti fis-somma ta' sitta u erbghin elf hames mija tlieta u disghin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€46,593.75).

Kien ghalhekk illi l-kumpannija rikorrenti u l-kumpannija intimata ghamlu kuntratt ta' rikonoxximent ta' debitu (ara kuntratt datat 26 ta' Dicembru 2016 anness u mmarkat '**DOK B**') fejn filwaqt illi l-kumpannija intimata rrikonoxxiet illi kienet debitrici tal-kumpannija rikorrenti fis-somma ta' €46,593.75, il-partijiet qablu illi l-kumpannija intimata kellha thallas is-somma dovuta permezz ta' disa' pagamenti ta' erbat elef sitt mija disgha u hamsin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€4,659.38) u pagament iehor ta' erbat elef sitt mija disgha u hamsin Ewro u tlieta u tletin centezmu (€4,659.33).

Dawn il-pagamenti kellhom isiru mensilment, bl-ewwel pagament sal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar 2017 u bl-ahhar wiehed sal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru 2017.

Minkejja dak pattwit fil-kuntratt, il-kumpannija intimata qatt ma hallset fit-termini specifikament espressi fil-kuntratt u sahansitra hallset biss tlieta (3) mill-ghaxar (10) pagamenti li kellha taghmel, bil-konsegwenza illi illum il-kumpannija intimata hija debitrici tal-kumpannija rikorrenti fis-somma ta' tnejn u tletin elf sitt mija u hmistax-il Ewro u wiehed u sittin centezmu (€32,615.61), oltre l-imghax dekorribli mid-data tal-kuntratt sad-data tal-pagament effettiv kif espressament pattwit bejn il-partijiet fuq l-istess kuntratt.

Fuq l-istess kuntratt ta' rikonoxximent ta' debitu kien deher l-intimat Mark Spiteri bhala garanti tal-kumpannija intimata, f'liema kuntratt kien irrinunzja espressament ghall-beneficcju ta' eskussjoni ai termini tal-Artikolu 1935 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq l-istess kuntratt kienet inghatat il-fakoltà lill-kumpannija rikorrenti sabiex jekk il-kumpannija intimata tonqos milli thallas id-debitu infraskritt, il-kumpannija rikorrenti setghet

tipprocedi gudizzjarjament kontra l-kumpannija intimata jew l-intimat jew it-tnejn f'daqqa.

Minkejja diversi tentattivi tal-kumpannija rikorrenti illi tiehu dak li bid-dritt huwa taghha, inkluz ittra interpellatorja datata 20 ta' Frar 2018 (ara ittra annessa u mmarkata '**DOK C**'), il-kumpannija intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk il-kumpannija rikorrenti ma kellhiex ghazla ohra hlief li tintavola il-kawza odjerna.

L-ammont dovut mill-intimati lill-kumpannija rikorrenti huwa cert, likwidu u dovut, u allura fil-fehma tal-istess kumpannija rikorrenti jikkonkorru l-elementi kollha taht l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din l-Onorabbli Qorti tipprocedi bid-dispensa tas-smigh peress li safejn taf il-kumpannija rikorrenti, l-intimati ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talbiet rikorrenti.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati flimkien u in solidum bejniethom huma debituri tal-kumpannija rikorrenti fis-somma ta' tnejn u tletin elf sitt mija u hmistax-il Ewro u wiehed u sittin centezmu (€32,615.61), oltre l-imghax dekorribli mid-data tal-kuntratt sad-data tal-pagament effettiv kif espressament pattwit bejn il-partijiet fuq l-istess kuntratt;

3. Tikkundanna lill-intimati jhallsu flimkien u in solidum bejniethom lill-kumpannija attrici is-somma premessa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 20 ta' Frar 2018 annessa u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju illi qieghed jigi pprezentat kontestwalment mar-rikors guramentat odjern.

L-intimati huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta' ammissjoni ta' Write-On Limited u Marc Spiteri li:

Permezz taghha, l-intimati jippremettu illi kontestwalment ma' din in-nota hallsu l-ammont ta' sebat elef sitt mija u hmistax-il Ewro u wiehed u sittin centezmu (€7,615.61) lill-kumpannija attrici akkont tal-bilanc dovut minnhom lill-istess kumpannija attrici kif imsemmi fir-rikors promotur, liema hlas jikkomprendi fih seba' mija tnejn u hamsin Ewro u tmenin centezmu (€752.80) bhala imghax fuq il-pagament fuq imsemmi kif ukoll is-somma ta' sitt elef tmien mija tnejn u sittin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€6,862.81) rapprezentanti l-hlas in parte tas-somma kapitali.

L-intimati flimkien u in solidum bejniethom qed jammettu t-talbiet tal-kumpanija attrici fis-sens illi:-

a) Flimkien u in solidum bejniethom huma debituri tal-kumpannija attrici fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf seba mija tnejn u hamsin Ewro u tmenin centezmu (€25,752.80) liema ammont huwa cert, likwidu u dovut.

b) Flimkien u in solidum bejniethom huma debituri tal-kumpanija attrici tal-imghax fuq din is-somma kapitali kif mitlub fir-rikors promotur oltre l-ispejjez ta' din il-kawza u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 366/18 illi kien gie pprezentat kontestwalment mar-rikors guramentat.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjetà Gutenberg Press Limited u tikkundanna lil Write-On Limited u lil Marc Spiteri in solidum bejniethom ihallsu lill-istess Gutenberg Press Limited is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, seba' mija u tnejn u hamsin Ewro u tmenin centezmu (€25,752.80), bl-imghax kif mitlub fir-rikors promotur, bl-ispejjez kif mitluba fl-istess rikors promotur, inkluz l-ispejjez tal-mandat kawtelatorju 366/18.

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza jithallsu mill-intimati in solidum bejniethom.

IMHALLEF

DEP/REG